


# IL-PONT

miġbura minn Patrick SAMMUT

ħarġa Nu. 33 - **ĠUNJU 2015**


# editorjal

Ftit ġimgħat ilu kont preżenti waqt serata ta' poeżija u miżika fejn ipparteċipaw bi ħġarhom bosta tfal ta' etajiet differenti billi qraw għadd ta' poeżiji bil-Malti u bl-Ingliż. Minkejja li l-poeżiji kienu sbieħ, il-mod kif inqraw ma qanqalx interess fi-semmiegħa. Ħassejt il-ħtieġa li t-tfal sa minn bikri jiġu mgħallma kif jaqraw tajjeb u b'leħen għoli l-poeżija. Tajba kemm tkun tajba, jekk tinqara ħażin il-poeżija titlef mis-saħħa kollha tagħha. Il-poeżija hija magħmula mill-kelma, mis-sentimenti u l-ħsibijiet tal-poeta. Bħalma l-qassis, l-avukat, il-politiku u l-bejjiegħ jgħajtu biex iwasslu l-messaġġ tagħhom, hekk ukoll għandu jkun il-poeta, il-poeżija. Il-poeżija għandha tiġi mgħajta bla mistħija ta' xejn ħalli l-effett l-eku tagħha jinstemgħu mill-bogħod. Il-poeta minn dejjem kellu xi jgħid f'soċjetajiet imperfetti, u din tagħna llum mhix nieqsa minn ħwejjeġ li jistgħu jinbidlu dejjem għall-aħjar. Mhux veru li l-poeta moħħu fl-arja u joħlom, daqskemm hu veru li dak li jgħid il-politiku mhux dejjem irid jinftiehem *ad litteram*.

Bħalissa waħda mill-kwistjonijiet taħraq fil-kuntest tal-iskejjel lokali hija dik tal-multikulturaliżmu. Nafu li llum f'bosta klassijiet m'għadx hemm studenti Maltin biss imma varjetà kbira ta' nazzjonalitajiet. Minħabba dan hemm sitwazzjonijiet fejn studenti ġejjin minn pajjiżi partikolari—fejn l-Ingliż ma jafuhx, u lanqas il-Malti - qed isibuha diffiċli biex jitħalltu mal-bqija anki minħabba l-ostaklu tal-lingwa. Hu veru li lil dawn l-istudenti qed jingħatawlhom korsijiet speċjalizzati fl-Ingliż, imma nemmen li l-letteratura tista' tkun element li jgħin biex iqarreb iktar lil

# werrej


| | |
|---|---|
| *L-Aħbarijiet* | **3** |
| *Reazzjonijiet* | **6** |
| *L-Intervista* | **7** |
| *Il-Festi Magħna* | **9** |
| *Insomnja* | **11** |
| *L-Esej* | **13** |
| *Il-Poeżiji* | **14** |
| *Il-Poeżiji - Lil Hinn Minn Xtutna* | **16** |
| *Minn fuq l-Ixkaffa* | **17** |
| *Xkaffa Melitensia* | **18** |


Min jixtieq jikkontribwixxi f'IL-PONT b'materjal ta' livell, mhux twil u adatt jista' jibagħtu direttament lill-Editur fl-indirizz **sammutpatrickj@gmail.com**

# l-editorjal kont...

din il-varjetà kbira ta' studenti ġejjin mill-erba' rkejjen tad-dinja.

Waħda mill-ideat tista' tkun dik li jinħolqu spazji fit-*timetable* regolari ddedikati lil-letteratura dinjija: l-istudenti jistgħu jintalbu jsibu u jġibu magħhom jew jirrakkontaw siltiet minn xogħlijiet letterarji ta' pajjiżhom. Jistgħu l-ewwel jaqrawhom jew jirrakkontawhom fil-lingwa oriġinali u wara f'verżjoni tradotta għall-Ingliż. Jistgħu jagħmlu introduzzjoni qasira dwar l-awtur tas-silta u anki dwar l-isfond kulturali u l-kontenut tagħha. Hekk l-istudenti tal-klassi jkunu qed jaqsmu flimkien parti minn wirt art tweildhom mal-oħrajn u fl-istess ħin jitgħallmu dwar wirt art twelid ħaddieħor. Il-*gangs* u l-firdiet jistgħu jinqerdu permezz tal-letteratura billi tgħinna nifhmu aktar lill-"ieħor", inwarrbu l-preġudizzji varji u nindunaw b'dak li hemm komuni bejn poplu u ieħor minkejja d-distanzi ġeografiċi u kulturali li jifirduna.

Fuq nota oħra din is-sena qed jiġi mfakkar is-750 anniversarju tat-twelid tal-poeta Taljan Dante Alighieri. F'rabta ma' dan il-Papa preżenti kiteb messaġġ (datat 4 ta' Mejju 2015) lill-President tal-Kunsill Pontifiċju tal-Kultura, il-Kardinal Gianfranco Ravasi, fejn fost oħrajn sellem ukoll lis-Soċjetà Dante Alighieri, lill-istudjużi ta' Dante, lill-artisti u lil dawk kollha li bil-preżenza tagħhom iridu jonoraw lil dak li jsejjaħ "wieħed mill-personalitajiet illustri mhux biss tal-poplu Taljan imma tal-umanità sħiħa." Papa Franġisku jsejjaħ lil Dante "artist tal-ogħla valur universali, li għad għandu xi jgħid u x'jagħti permezz tax-xogħlijiet tiegħu li ma jmutu qatt." Papa Franġisku jfakkar li anki l-beatu Papa Pawlu VI kien iddedika, fi tmiem il-Konċilju Ekumeniku tal-Vatikan II, l-Ittra Appostolika *Altissimi cantus*, fejn indika l-versi fondamentali u dejjem ħajjin tal-opra Danteska. Papa Pawlu VI kien sejjaħ lil Dante "Nostro... Della fede cattolica." Papa Franġisku jsejjaħ lil Dante profeta tat-tama, ħabbar tal-possibiltà tar-riskatt, tal-ħelsien, tal-bidla profonda ta' kull bniedem, rġiel u nisa, tal-umanità kollha. Il-Papa preżenti jikteb ukoll li Dante jistedinna biex insibu mill-ġdid is-sens mitluf u mċajpar tat-triq tagħna bħala bnedmin u biex nittamaw f'li nerġgħu naraw ix-xefaq imdawwal fejn tiddi fis-sħuħija tagħha d-dinjità tal-bniedem. Dante għadu jista' jgħinna biex naqsmu l-ħafna boskijiet mudlama mferrxin matul id-dinja tagħna u naslu għal dak li kull bniedem tant joħlom u jixtieq: "L-imħabba illi tmexxi x-xemx u l-kwiekeb." (*Il-Ġenna* XXXIII, 145, maqlub għall-Malti u kkummentat minn Alfred Palma, 1991).

Inbiddel is-suġġett. Tmiem is-sena akkademika ġġib magħha l-bidu tal-vaganzi tas-sajf u b'hekk l-istudenti jkollhom iktar ħin liberu, mela iktar ħin għall-qari. Aħna l-adulti, il-ġenituri u l-għalliema għandna d-dmir li nħajru lit-tfal u liż-żgħażagħ jagħtu iktar ħin u spazju lill-kotba. Il-mezzi tal-komunikazzjoni għandhom jagħtu daqqa t'id billi jħajru lit-telespettaturi, is-semmiegħa u l-qarrejja jżuru l-libreriji pubbliċi u reġjunali li llum jinsabu kważi f'kull lokal. Dawn joffru servizz b'xejn ta' self ta' kotba, b'ilsna differenti u għall-gosti ta' kulħadd. Is-sajf jiġi għat-tgawdija u l-mistrieħ, u bosta llum skoprew il-pjaċir tal-qari li joffri wkoll mistrieħ lill-moħħ. Suġġeriment lill-Kunsill Malti tal-Ktieb u lid-Dipartiment tal-Libreriji Pubbliċi hu dak li jerġa' jorganizza f'siti partikolari laqgħat regolari ma' kittieba differenti (invarjaw l-ismijiet u mhux dejjem l-istess!), kemm għall-kbar imma iktar u iktar għaż-żgħar. Hekk ikun l-awtur stess li jkun qed jirriklama l-prodott tiegħu direttament lill-poplu, billi jaqra siltiet mill-kitba tiegħu u jitkellem wiċċ imb wiċċ ma' dawk interessati jew ma' dawk li jistgħu jiskopru l-pjaċir ta' dan il-passatemp - il-qari - li wara kollox la jiswa flus u lanqas jagħmel deni, anzi jsaħħaħ lil dak li jkun. Kienet inizzjattiva sabiħa u effettiva dik li fuq ix-xtajtiet ewlenin jinżammu miftuħin matul il-jum numru ta' mini-libreriji biex dawk li jkunu qed igawdu x-xemx u l-baħar jiddedikaw ukoll ftit ħin għall-qari.

Is-sajf it-tajjeb lill-qarrejja kollha ta' IL-PONT u lil ta' madwarhom.

EDITORJAL

# l-aħbarijiet

**IMUT EMMANUEL F. ATTARD**

Nhar l-24 ta' Marzu 2015 miet il-kittieb u edukatur Emmanuel F. Attard. Hu twieled f'Ħaż-Żebbuġ fl-1931 u kien ilu joqgħod Birżebbuġa sa mill-1979. Ħadem mas-Servizzi Ingliżi u għallem kemm fl-iskejjel tal-Primarja, tas-Sekondarja, u anki fil-Liċeo. Kien ukoll Ass. Kap u anki Aġent Kap u Kap ta' skejjel Primarji f'Ħal Qormi, fl-Imqabba u f'Birżebbuġa. Bejn l-1978 u l-1992 inħatar Segretarju Onorarju tal-Akkademja tal-Malti, u wara teżorier. Serva bosta drabi bħala eżaminatur ta' eżamijiet pubbliċi, u ta' diversi konkorsi letterarji. Ittraduċa għall-Malti żewġ rumanzi ta' Jules Verne, *Is-Sigriet ta' Wilhelm Storitz* (li deher f' *Il-Ħajja*) u Is-S.I.D. (*Sid id-Dinja*) li deher f'*Il-Gwida*. Qaleb ukoll għall-Malti t-teledramm tal-BBC, *Raġel tad-Destin*, ta' George Bernard Shaw, li aktar tard intwera fuq it-televiżjoni nazzjonali lokali. Ippubblika żewġ ġabriet ta' esejs: *Ħassejt...Ħsibt...Ktibt!* (1972) u *Aqra, Xtarr, Agħder* (2009).



Emmanuel F. Attard

**IMUT GÜNTHER GRASS**

Nhar it-13 ta' April 2015 miet fil-belt ta' Lübeck, fil-Ġermanja, ir-rebbieħ tal-Premju Nobel għal-Letteratura 1999, Günther Grass. Huwa twieled f'Danzig fis-16 ta' Ottubru 1927 u kien rumanzier, poeta, drammaturgu, illustratur u anki skultur. Kien wieħed minn tal-aħħar tal-Gruppe 47, kittieba li ddominaw ix-xena letterarja Ġermaniża tat-tieni nofs tas-seklu 20 u li oriġinaw mill-problemi li ġabet magħha t-Tieni Gwerra Dinjija. Jibqa' magħruf għal xogħlijiet bħal *The Tin Drum* (1959), *Cat and Mouse* (1961), u *Dog Years* (1963). Fil-millennju l-ġdid ippubblika biss rumanz wieħed, *Crabwalk* (2002), fejn ħallat il-mistħajjel, l-awtobijografiku u l-istoriku. Kien soċjalist u kontra kull politika militaristika. Ikkritika wkoll l-atteġġjament tal-Unjoni Ewropea rigward il-Greċja, id-dar taċ-ċiviltà tal-Punent, li ngħatat l-istess kundanna mogħtija lil Sokrate.



Günther Grass

**IMUT EDUARDO GALEANO**

Nhar it-13 ta' April 2015 miet ukoll il-kittieb, rumanzier u ġurnalist Urugwajan Eduardo Galeano. Huwa kellu 74 sena u twieled fil-belt ta' Montevidjo fit-3 ta' Settembru 1940. Fost l-iktar xogħlijiet magħrufa tiegħu: *Open Veins of Latin Amerika* (1971), *Days and Nights of Love and War* (1978), it-triloġija *Memory of Fire* (1982-1986), *Football in Sun and Shadows* (1995), *Mirrors: Stories of Almost Everyone* (2008), u *Children of the Days: A Calendar of Human History* (2011). Politikament kien xellugi u fl-1973 bata l-ħabs u kellu jaħrab lejn l-Arġentina u wara lejn Spanja. Reġa' lura f'pajjiżu fl-1985 meta reġgħet id-demokrazija. Kien jemmen li r-rwol tal-kittieb kien dak li jgħin lil ħaddieħor iħares, josserva. Ried ifakkar l-imgħoddi tal-Amerika Latina li hu sejjaħ "art intima ikkundannata għat-tnessija".

**IL-FESTIVAL TAL-KTIEB FUQ IL-KAMPUS 2015**

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb u l-Għaqda tal-Malti – Università organizzaw it-tieni edizzjoni tal-Festival tal-Ktieb fuq il-Kampus, li sar bejn il-5 u s-7 ta' Mejju 2015. Dan il-Festival ta lok lill-pubblikaturi u distributuri Maltin jippromwovu l-materjal tagħhom ma' udjenza matura, fosthom studenti universitarji.

# l-aħbarijiet

Minbarra l-bejgħ ta' kotba kien hemm ukoll programm varjat ta' attivitajiet, bl-għan li l-letteratura tiġi promossa fis-sħuħija tagħha, u mhux biss bħala prodott li jinxtara. Fost l-attivitajiet, kien hemm żewġ intervisti mal-awturi Walid Nabhan u Pierre J. Mejlak, it-tnejn rebbieħa ta' premji prestiġjużi. Matul it-tlett ijiem tal-Festival, kien hemm ukoll dawriet iggwidati mal-Librerijta tal-Università u għadd ta' kollaborazzjonijiet ma' għaqdiet oħra, fosthom għaqdiet studenteski bħall-KSU. Il-pubblikaturi u d-distributuri preżenti kienu Faraxa Books, Horizons, SKS, u Sierra Book Distributors, u wħud minnhom organizzaw xi attivitajiet. Ħadu sehem ukoll poeti, kittieba u tradutturi bħal Marlene Saliba, Therese Pace, Sheryl Loeffler, Anthony Farrugia u Rena Balzan. Kien hemm ukoll stand tal-organizzaturi, jiġifieri tal-Għaqda tal-Malti – Univeristà u l-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, minn fejn wieħed seta' jikseb aktar tagħrif.



Pierre J. Mejlak waqt il-Festival tal-Ktieb fuq il-Kampus

**TAĦDITA FIL-PALAZZ TAL-INKWIŻITUR**

Nhar it-23 ta' April 2015 saret it-taħdita "L-Aħħar Kursara tal-Ordni Quddiem l-Inkwiżitur" minn Liam Gauci. Din saret b'rabta mal-wirja temporanja "L-Inkwiżizzjoni Rumana f'Malta" fil-Palazz tal-Inkwiżitur, il-Birgu. Fl-aħħar żmien tal-Ordni u l-aħħar snin tal-Inkwiżizzjoni f'pajjiżna, insibu li l-kursara kienu biċċa wġigħ ta' ras għall-Inkwiżitur. Id-difensuri tal-fidi fuq il-baħar kienu mixlija b'ħafna akkużi: min kien midgħi, min kien akkużat b'sodomija kif ukoll swat żejjed fuq is-servi tiegħu, oħrajn daru għall-Iżlam biex ma jibqgħux skjavi f'Tuneż. Kursar ieħor għamel xhur ifittex teżor fil-bitħa ta' daru fil-Belt. Dawn huma stejjer li bihom wieħed isir jaf iktar dwar din il-komunità ta' baħħara u kursara Maltin fl-aħħar tas-seklu 18. It-taħdita saret bil-Malti u d-dħul għaliha kien b'xejn.

**IL-LIBRERIJA TA' DERRIDA TMUR FI PRINCETON**

F'Marzu li għadda l-librerija personali ta' missier id-Dekostruzzjoniżmu ħalliet lil Franza għal New Jersey. Princeton akkwistat din il-librerija magħmula minn 13,800 ktieb u materjal ieħor. Derrida li miet fl-2004 kien kritiku letterarju u filosofu li mill-Alġerija mar fi Franza fl-1949. Kien jikteb bil-Franċiż u jibqa' mfakkar bħala ħassieb Franċiż. Ħafna mill-volumi li akkwistat Princeton huma mimlijin b'noti miktubin minn Derrida stess. Hu stess darba fisser li l-kotba tiegħu jġorru "sinjali tal-vjolenza ta' daqqiet tal-lapes, punti esklamattivi, vleġeġ u kliem sottolineat." Issa l-materjal ta' Derrida jrid jiġi proċessat u bil-mod il-mod jibda jagħmel parti mid-Dipartiment tal-Kotba Rari u Kollezzjonijiet Speċjali tal-Librerija Firestone ta' Princeton fejn ikun disponibbli għall-istudjużi.



Jacques Derrida

**IR-RIĊERKA TIEGĦI FL-M.A.**

Nhar l-4 ta' Mejju 2015 saret laqgħa oħra fejn dawk preżenti setgħu isiru jafu x'riċerki għaddejjin bħalissa fil-livell *Masters* fid-Dipartiment tal-Malti fl-Università ta' Malta, u x'diffikultajiet jiltaqgħu magħhom l-istudenti. Il-kelliema u s-suġġetti kienu: Alvin Vassallo - "Carmelo Camilleri u l-Ħidma Ġurnalistika Tiegħu"; u Leanne Bajada - "Reġistru, Temi u Xbihat Tabù fin-Narrattiva Kontemporanja Maltija".

## LEJLA TA' POEŻIJA MILL-GĦAQDA POETI MALTIN MAL-KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

Nhar l-24 ta' April 2015 l-Għaqda Poeti Maltin tellgħet għal darb'oħra Lejla ta' Poeżija u Mużika f'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa u l-Iskola Primarja tal-Lokal. Dan kollu f'rabta maċ-ċelebrazzjonijiet ta' Jum l-Imtarfa. Membri tal-Għaqda Poeti Maltin qraw numru ta' poeżiji bil-Malti u bl-Ingliż f'rabta ma' temi differenti u anki attwali. Kien hemm ukoll parteċipazzjoni kbira min-naħa tat-tfal li anki huma qraw numru mdaqqas ta' poeżiji fiż-żewġ ilsna. Inqrat ukoll il-poeżija tal-kittieb Spanjol Federico Garcia Lorca bl-isem ta' *Llanto por Ignacio Sánchez Mejías*, maqluba għall-Malti mill-poetessa Therese Pace bl-isem ta' *Lament għal Ignacio Sánchez Mejías*. Dil-poeżija nqrat minn Therese Pace u minn Vanni Riolo. Wara kien hemm riċeviment żgħir.

## LOU DROFENIK IŻŻUR IL-KULLEĠĠ TA' DE LA SALLE

Nhar il-5 ta' Mejju bejn il-kittieba Maltija-Awstraljana Lou Drofenik tkellmet mal-istudenti tas-*Sixth Form* li qed jistudjaw għall-Malti u l-Ingliż fil-livell Avvanzat. Hija wieġbet għal numru ta' mistoqsijiet fosthom uħud marbutin mal-karriera tagħha bħala kittieba u oħrajn dwar il-Maltin fl-Awstralja, l-importanza tal-qari, l-ivvjaġġar u tal-proċess ta' rfinar fil-kitba tar-rumanz.



**Lou Drofenik flimkien ma' għalliema tas-Sixth Form fil-Kulleġġ ta' De La Salle.**

## TNEDIJA TAL-KTIEB FREKWENZI MSIKKTA

Nhar is-7 ta' Mejju fuq il-kampus tal-Universita' ta' Malta saret it-tnedija tal-ġabra ta' novelli *Frekwenzi Msikkta*, miktubin minn Tyrone Grima u Justin Schembri, u pubblikazzjoni tal-Horizons. Din hija t-tieni ġabra minn sensiela ta' tlieta. L-ewwel ġabra, *Frekwenzi Ħiemda*, ġiet imxandra fuq it-televizjoni nazzjonali s-sena l-oħra. Din it-tnedija kienet parti mill-Festival tal-Ktieb.

## LEJLA TA' TIFKIRA FIL-MOSTA

Nhar it-22 ta' Mejju 2015 l-Għaqda Filantropika Talent Mosti ppreżentat Lejla ta' Tifkira f'ġieħ ix-xandar Charles Arrigo (1929-2006) u l-poeta Vincenzo Maria Pellegrini (1911-1997). Dan seħħ fir-Razzett tal-Markiż, Ċentru ta' Kultura Nazzjonali, fil-Mosta. Ħadu sehem ukoll Dr. Alexandra Camilleri Warne, Charles Saliba u l-pjanista Simone Attard. Ġew inawgurati wkoll il-bustijiet ta' Arrigo u Pellegrini, żewġ personaġġi Beltin li ħadmu fl-oqsma tagħhom biex jgħollu 'l fuq isem pajjiżna. Attività bħal din kellha l-kollaborazzjoni tal-Kunsill Skolastiku tal-Iskola Sekondarja Bniet fi ħdan il-Kulleġġ Maria Regina.

## TNEDIJA TAL-FOND MALTI TAL-KTIEB

Twaqqaf uffiċċjalment il-fond Malti tal-Ktieb f'konferenza stampa mill-Onor. Evarist Bartolo, Ministru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol; is-Segretarju Permanenti, is-Sur Joseph Caruana u s-Sur Mark Camilleri, Kap Eżekuttiv tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb. Din hija inizjattiva mnedija mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb biex irawwem tkabbir kulturali fis-suq lokali tal-kotba. Fond bħal dan hu intiż biex jgħin lil dawk l-awturi u pubblikaturi li għandhom ippjanati pubblikazzjonijiet tal-Melitensia tassew interessanti u ta' valur kulturali, edukattiv u intellettwali. Il-Kunsill jixtieq jagħti wkoll appoġġ lill-awturi u l-pubblikaturi billi jiffinanzja proġetti li jkomplu jtejbu ħiliethom. Dan billi huma jkunu pprovduti b'għotjiet ta' flus sabiex ikunu jistgħu jattendu *workshops*, korsijiet u inizjattivi kulturali. L-għotjiet għandhom jitqassmu wara proċess rigoruż ta' applikazzjonijiet li jieħu ħsiebu bord ta' aġġudikazzjoni appuntat apposta. Din l-inizjattiva hija parti mill-viżjoni tal-Kunsill li jkollu rwol ta' aġent kulturali fis-soċjetà. Dan ifisser li l-Kunsill isir kontributur proattiv u progressiv fl-iżvilupp kulturali, edukattiv u intellettwali tas-soċjetà tagħna. Il-Kunsill jagħmel l-almu tiegħu biex jiżgura li l-flus jiġu allokati lil dawk l-applikanti li se jagħmlu l-aħjar użu mill-fondi. L-applikazzjonijiet għas-sena 2015 jagħlqu f'12:00 nhar it-30 ta' Ġunju.

# reazzjonijiet

**Email mingħand Amanda Busuttil, il-5 ta' April 2015**

Għażiż Patrick,

Lanqas għandi biżżejjed kliem biex ngħidlek kemm jogħġobni u nistennieh 'Il-Pont'. Fl-aħħar qajjimtna lilna l-kittieba. Qisu ħadd ma jagħtina widen, jew kif dejjem ingergru, iċ-ċans jingħata dejjem lill-istess nies. Inti fl-editorjal titkellem b'mod liberu u ġenwin u nieħu pjaċir naqra kull xahar x'għandek xi tgħid fih [...]

U grazzi ħafna, l-Għid it-Tajjeb.
Amanda

**Email mingħand Lina Brockdorff, l-1 ta' Mejju 2015**

Għażiż Patrick,

U kemm inti puntwali bil-ħarġa ta' "Il-Pont" - eżatt fl-1 ta' Mejju! Bħas-soltu nixtieq ngħidlek kemm napprezza x-xogħol kollu li tieħu biex tlesti biċċa xogħol bħal din kull xahar, għax anke biex naqrah jeħodli l-ħin, aħseb u ara biex tiġbor dak ix-xogħol kollu, u kollox mill-aħjar! Grazzi li ġibtli dawk l-erba' versi tiegħi, kif dejjem ngħidlek jien nibża' nikteb il-versi imma kultant ma nistaportix xi vrus li jibdew ireddnu ġewwa moħħi.

Ġibtli salt nostalġija malli semmejt il- *Cuore* ta' Edmondo De Amicis - taf għaliex? Għax dak kont qed nistudjah fil-Junior 5 f'St. Joseph Convent, Sliema kif faqqgħet il-gwerra u ma nista' ninsieh qatt! U ġibtilna wkoll ir-ritratt tal-awtur li qatt kont għadni ma rajt wieħed tiegħu. Mimli bl-età imma sbejjaħ fl-istess ħin!

Tislijiet,
Lina

**Email mingħand il-Prof. Charles Briffa, l-14 ta' April 2015**

Għażiż Patrick,

Fl-aħħar sibt ftit ċans naqra l-aħħar ħarġa ta' "Il-Pont" (Nru 31, April 2015). Din il-ħidma tiegħek hija xogħol utieq għall-ħajja letterarja tagħna.

Nirringrazzjak li fl-editorjal tiegħek int għaraft ftit mill-isforzi tiegħi fil-qasam tal-Malti. Billi semmejt ix-xandir, nixtieq inżid ma' dak li għedt int li jien għandi programmi regulari fuq Campus FM (ir-radju tal-Università) bl-isem "Konktejl Lingwistiku" u fuq Xandir Malti fil-programm ta' Lilian Maistre "Familja Waħda" li jixxandar kuljum matul il-ġimgħa u s-slot tiegħi tkun kull ħmistax nhar ta' Erbgħa fil-11 a.m.

Tislijiet,
Charles

**Email mingħand Mary Chetcuti, l-1 ta' Mejju 2015**

Grazzi ħafna, Patrick.

Veru interessanti mill-bidu sa l-aħħar. Rajt dak it-tagħrif dwar Taħżiż3 , fejn iż-żgħażagħ jitħarrġu fuq il-kitba. Ma nafx hux se ngħid ħmerija, imma taħseb li jista' jsir xiħaġa simili għalina l-kbar. Veru ma tantx fadlilna għomor biex insiru kittieba, imma xorta tkun interessanti jekk ikollna għarfien aħjar dwar kif niktbu, veru? Jien nixtieq naf nikteb aħjar u naf li bħali hemm oħrajn. X'taħseb? Grazzi ħafna u proset tal-impenn tiegħek favur il-letteratura.

Tislijiet
Mary



# l-intervista

Mario Attard




*Mario Attard jitkellem dwar il-ktieb* ***KORS PRATTIKU FIL-GRAMMATIKA MALTIJA****, De la Salle Brothers Publications, 2014.*

**X'inhi r-rabta tiegħek mat-tagħlim tal-ilsien Malti?**

Bdejt ngħallem il-Malti fl-1981 fil-Kulleġġ De La Salle. Għallimt fil-livell sekondarju Forms 3, 4 u 5 fil-livell ordinarju. Għallimt ukoll il-Malti fil-livell intermedju fl-istess Kulleġġ. Spiċċajt ngħallem fl-2014. Fl-1999 bdejt ngħallem il-Malti part-time bħala edukatur tal-adulti mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni. Hawnhekk għallimt il-Malti fil-livell tal-Kompetenzi, MQF1, livell Class 2 lis-suldati tal-Armata u S.E.C. Minkejja li spiċċajt bl-età, għadni ngħallem bħala edkatur tal-adulti.

**Għaliex ħassejt il-bżonn li taħdem fuq verżjoni ġdida tal-Grammatika Maltija? Minn fejn tlaqt biex wasalt għall-prodott finali?**

Il-ħtieġa li naħdem fuq il-Grammatika Maltija nibtet u kibret fija minn sena għal oħra minn klassi għal oħra. Dejjem kont sodisfatt bil-kotba li kont nuża imma fl-istess ħin kont inħoss li kien hemm nuqqas. Fuq naħa l-istudenti kellhom f'idejhom ktieb ta' orjentazzjoni akkademika f'dik li hija preżentazzjoni grammatikali. Fuq naħa oħra ma kontx nissodisfa ruħi fejn tidħol simplifikazzjoni. Dejjem ħassejt u emmint li l-ktieb ideali fil-livell sekondarju għandu jkun kompożizzjoni ta' taqsima grammatikali mibnija b'mod didattiku u allura b'simplifikazzjoni li tħejji lill-istudent għat-taqsima prattika li ssegwi. Dan jiena għamiltu fil-verżjoni l-ġdida tal-Grammatika Maltija. Iżjed minn hekk emmint li finalment il-ktieb ikollu t-tweġib għat-taħriġ kollu bil-għan li jservi ta' għajnuna responsabbli. Dan ukoll għamiltu bis-saħħa tas-CD li tinkorpora għexieren ta' taħriġ prattiku li tista' tgħid meħud kollu minn Grammatika Maltija ta' Bro. Henry (verżjoni riveduta ta' Profs. Charles Briffa) flimkien mat-tweġib kollu.

**X'importanza għandha l-Grammatika fl-istudju ta' lsienna? X'inhi r-relazzjoni tal-istudenti magħha?**

Kull ilsien jaf l-identità tiegħu lill-verbal u lill-miktub. Il-lingwa mitkellma hija informali u għalhekk ma titlobx regoli riġidi anzi... Il-lingwa miktuba hija ħaġa formali u għalhekk titlob li jkunu segwiti ġabra ta' regoli. Mela l-grammatika hija d-dixxplina ta' natura ftit jew wisq akkademika. L-istudent u kull min jistudja l-lingwa ma jistax jitgħallimha mingħajr direzzjoni. Sabiex ir-rapport tal-istudenti mal-grammatika ma jkunx imqanżah, għandha tkun ippreżentata preżentazzjoni didattika kemm jista' jkun.

**X'għandu dan il-ktieb ġdid tal-Grammatika Maltija? Kif ivarja minn oħrajn ta' qablu?**

B'mod ġenerali, ir-regoli grammatikali huma fissi. Dak li jagħżel verżjoni minn oħra huwa l-andament tal-preżentazzjoni. It-tqassim li jiena tajtu għandu l-għan li meta l-istudent jara l-werrej, iħoss mezz ta' simplifikazzjoni. U biex iħoss dan, jiena fittixt li nagħmel il-preżentazzjonijiet grammatikali tiegħi daqs li kieku l-istudent qiegħed jara l-ismartboard. Il-fatt li l-aċċenn u l-enfasi fuq kliem jew ittri huma stampati bil-kulur partikulari tagħhom, jissimplifika t-triq tat-tagħlim għall-istudent.

**Liema huma t-taqsimiet ewlenin li jagħmlu dan il-ktieb tiegħek?**

Nista' ngħid li kull taqsima, li tmewwet id-diffikultajiet lill-istudent, jagħmlu lil dan il-ktieb

tiegħi tassew. Pereżempju l-assimilazzjoni tal-konsonanti, il-pożizzjon tal-Għ u l-Imperattiv tal-Verb. Imma fuq kollox, il-fatt li l-ewwel l-istudent isib espożizzjoni grammatikali u wara jkun ittestjat bit-taqsima prattika nħoss li jagħmel lil dan il-ktieb tiegħi komplut - preżentazzjoni li rajt il-bżonn tagħha fir-rapporti tiegħi mal-istudenti fil-klassi għal tlieta u tletin sena sħaħ.

**Kemm hija importanti l-preżentazzjoni jew *setting* ta' ktieb bħal dan?**

Nista' ngħid li d-dewmien tal-ħruġ ta' dan il-ktieb kien minħabba l-preżentazzjoni u l-issettjar (b'tal-aħħar ikun aktar il-kaġun). Il-blu u l-aħmar li persuna ssib fil-ktieb ingħażlu biex jirrappreżentaw l-ilwien tal-Kulleġġ tal-Freres. Il-konsistenza b'mod ġenerali ħadet xhur sħaħ sakemm stabbiliet ruħha.

**X'inhu meħtieġ biex wieħed joħroġ Grammatika bħal din? Żgur li dan hu xogħol li ħa snin. Xi tgħid dwar dan?**

Xogħol ta' din in-natura ma jistax isir f'qasir żmien. Gradwalment dejjem bnejtu biċċa biċċa bis-saħħa tal-preparazzjoni tal-lezzjonijiet. U dan mhux biżżejjed għax minn sena għal oħra, anzi minn klassi għal oħra kont inħoss il-bżonn li nżżinha u nagħtiha libsa xierqa. Wara tlieta u tletin sena dawn il-lezzjonijiet għaddew minn tirqim biżżejjed biex stajt nikkonkludi. Inzerta sar aġġornament fil-grammatika Maltija. U dak li kont bdejt norganizza ħafna snin ilu finalment ikkrea ruħu .

**Ismek issa jista' jintrabat ma' kittieba Lasalljani ewlenija oħrajn bħal Br. Henry Grech u Br. Michael Buttigieg għal bosta raġunijiet. Xi tgħid dwar dan? X'tifkiriet għandek ta' dawn iż-żewġ Brothers?**

Jiena ninħass sodisfatt li lill-komunità tal-Brothers f'Malta raddejtilha xi ħaġa lura. Lil Bro. Henry ma kontx nafu personalment imma mill-kotba li ħareġ. B'danakollu d-destin ried li jiena nkun is-suċċessur tiegħu tliet xhur wara mewtu. Konxju minn dak il-fatt ħassejt resonsabbilità li jiena erfajtha b'determinazzjoni b'rispett lejn Bro. Henry, lejn il-Brothers u lejn ilsenna. Fil-ktieb tiegħi Bro. Henry huwa preżenti bis-saħħa tas-CD.

Ma' Brother Michael jiena għamilt id-Diploma fil-Patroloġija u bosta drabi konna noqogħdu fejn xulxin. Miegħu qsamt bosta suġġetti. It-teżi tiegħu kienet fuq l-influwenza ta' Santu Wistin fit-tagħlim ta' San Ġwann Battista De La Salle u jiena ttraduċejt u analizzajt id-*De Magistro* ta' Santu Wistin.

**B'liema xogħlijiet għaddej bħalissa? Proġetti ġodda għall-ġejjieni?**

Apparti xogħlijiet letterarji pendenti u oħrajn li jitfaċċaw minn żmien għal żmien, jiena għamilt ħafna studji storiċi l-aktar marbutin ma' Bormla. Inħoss fija ċerta responsabilità lejn belt twelidi u nemmen li wasal il-waqt li nattwaha.

**BIJOGRAFIJA MARIO ATTARD**

Mario Attard twieled Bormla fil-21 ta' Lulju 1952. Studja fl-Università ta' Malta u fil-Fakultà Patristika tal-Istitut Agostinjan. Iddiplomat fil-Patroloġija u gradwat fil-Malti u l-Istudji tal-Komunikazzjoni (B.A.) u fl-Istudji Patristiċi (B.A. (Hons.) u M.A.). Għallem il-Malti u kien Librar fil-Kulleġġ De La Salle bejn 1981 u l-2014. Fl-1999 beda jgħallem il-Malti Bażiku fil-klassijiet statali għall-Adulti. Huwa Kavallier fl-Ordni tas-Santu Sepulkru.

Kiteb poeżiji bil-Malti, bit-Taljan u bl-Ingliż li xxandru f'kull mezz ta' xandir u stampa. Huwa membru sa mit-twaqqif tal-Għaqda Poeti Maltin fl-1975 u f'diversi akkademji fl-Italja u fi Sqallija. Rebbieħ ta' ħafna konkorsi letterarji f'Malta u fl-Italja. Serva bħala membru tal-ġurija f'diversi konkorsi letterarji. Ingħata diversi rikonoxximenti letterarji fosthom il-Premju "Città di Valletta" f'Malta fl-1987, "Il Marzocco" minn Firenze fl-1991, "Cavaliere del Gran Croce d'Oro" minn Ragusa fl-1997 u "Nuova Rosa Artisti Europei Qualificati" minn Ragusa fl-2008.

Attard huwa inkluż fid-*Dizzjunarju ta' Kittieba Maltin u Għawdxin tal-Bieraħ u tal-Lum* (Malta 1995), *Dizionario Autori Italiani del Secondo Novecento* (Italja 2002) u *Storia della Letteratura Italiana Contemporanea* (Italja 2003).

Mario Attard kiteb il-lirika tal-*musical* taċ-Ċentinarju mill-Inkurunazzjoni tal-kwadru titulari tal-Kunċizzjoni f'Bormla bl-isem *Ulied l-Immakulata* (2005). Huwa awtur tal-ktieb ta' kritika letterarja *Id-Dlam bħala Metafora fil-poeżija ta' Mario F. Bezzina* (1992) u ko-awtur fil-kotba tal-poeżiji *Imħuħ Imħallta* (1982), *Sponde Amanti* (2009) u *Trifolju ta' Lwien* (2014). Huwa wieħed mill-għaxar poeti li flimkien ħarġu l-antoloġija *Tifkiriet Kalbriżi* fl-1986.

# il-festi magħna

Kav. Joe M. Attard



L-antiki tagħna kienu jgħidu: *Ġunju ġunjett neħħi l-qmis u d-dublett!* U dan ix-xahar li jġib miegħu l-istaġun tas-sajf jinsab magħna. Bla dubju Ġunju jġib ukoll miegħu l-festi sbieħ u kkuluriti tagħna. Fil-fatt, il-festi f'Għawdex fetħu matul l-aħħar ġimgħa ta' Mejju meta fir-raħal tal-Munxar saret it-tifkira tan-Nawfraġju tal-Appostlu tal-Ġnus, Missierna San Pawl li nissilna fil-fidi fis-Sena 60 WK. Kien hemm festa ħelwa bl-ingredjenti kollha li jagħmlu festa Maltija u l-Munxarin kollha ħarġu jiftaħru bil-predikatur tat-Tridu li ġabilhom il-Kappillan żagħżugħ u ħabrieki Dun Michael Said. Dan ir-raħal li fih twieled il-Professur Ġużè Aquilina jista' jiftaħar bi statwa titulari l-ġmiel tagħha li ħarġet minn idejn l-istatwarju Għawdxi Wistin Camilleri. Il-festi tagħna għadhom jiġbdu għadd sabiħ ta' nies minn kullimkien; il-mixegħla, il-mużika, il-funzjonijiet fil-knisja, iċ-ċigċifogu, in-nar tal-ajru, it-tlielaq tal-bhejjem, il-marċijiet tal-baned, it-tiżjin u il-festuni tad-dawl fit-toroq, tal-qubbajd u mitt ħaġa oħra kollha huma ta' attrazzjoni u joħolqu atmosfera unika għan-nies tagħna. Is-sħana tibda tinħass ġmielha u allura tal-pastizzi, tad-drinks, tal-granita u tal-ġelati hemm posthom ukoll.

Ġimgħa wara ġimgħa mill-ewwel jibdew jitgerbu, u wara tal-Munxar, tfeġġ il-festa f'wieħed mill-iżgħar rħula li għandna f'Għawdex, dik tal-Corpus Christi fl-Għasri, il-Ħadd 2 ta' Ġunju fejn illum il-ġurnata nsibu wkoll statwa sabiħa ta' Kristu Salvatur li toħroġ fuq l-ispallejn fil-purċissjoni bis-sehem tal-banda La Stella tal-Belt Victoria. Il-Ħadd ta' wara, 9 ta' Ġunju mmorru għall-festa ta' Sant Antnin ta' Padova, f'Għajnsielem, il-festa tal-Patri, kif insibuha f'Għawdex billi huma l-Patrijiet u mhux xi parroċċa, li jieħdu ħsiebha. U għal min hu dilettant tal-festi bħali, se nissokta nagħtikom il-kalendarju tal-festi fil-gżira Għawdxija.

Wara l-festa tat-Tawmaturgu ta' Padova, għalkemm imwieled fil-Portugal, ikun imiss il-festa tal-Qalb Imqaddsa ta' Gesù fil-Fontana, tefgħa ta' ġebla bogħod mir-Rabat, fejn issa nsibu Kappillan ġdid imwieled Ta' Sannat u li għadda żmien twil jagħti servizz pastorali fl-Istati Uniti tal-Amerika, Dun Ġwann Muscat. Minn hawn nawguralu u jalla dan ir-raħal, maghruf għal-logħob tan-nar, ma jbatix minn iktar disgrazzji pirotekniċi bħal dawk li ġraw fl-imgħoddi. Il-Ħadd 23 ta' Ġunju tkun tmiss il-festa fir-Rotunda tiegħu ta' San Ġwann Battista fix-Xewkija fejn insibu wieħed mill-eqdem Arċiprieti u ħabrieka, Mons. Carmelo Mercieca, li megħjun mill-familja tiegħu, jista' jiftaħar b'parroċċa tassew ħajja u bieżla. Ftit jiem biss wara mmorru n-Nadur għall-festa tal-Imnarja, festa li tlaqqagħna ma' żewġ kolonni kbar tal-Knisja, San Pietru u San Pawl, wieħed spiċċa msallab rasu 'l isfel u ta' warajh għadda minn qtugħ ir-ras, li qabżet għal tliet darbiet hekk kif messet mal-art u nibtu tliet għejjun ta' ilma frisk u ġieri.

Fl-ewwel Ħadd ta' Lulju, fil-Punent ta' gżiritna nagħmlu l-festa tal-Viżitazzjoni fl-Għarb fejn insibu wieħed mill-iktar Sindki ħabrieka li huwa wkoll il-President tal-Banda tar-raħal 'Il-Viżitazzjoni' li għandha b'surmast tagħha lil Mro żagħżugħ mill-Belt Victoria Ġorġ Apap. Ma għidtx le meta ż-żgħażagħ t'hawn talbuni niktbilhom il-versi għal marċ tal-briju. Hawn ukoll niltaqgħu ma' Arċipriet tassew intelliġenti u ħabrieki li għalkemm imwieled ix-Xagħra, daħal sewwa fil-qalba tal-ministeru tiegħu u ntlaqa' ferm tajjeb mill-parruċċani li jiftaħru bi statwa tassew ħelwa tal-Madonna qed iżżur lill-qariba tagħha Santa Eliżabetta. U wara l-Għarb, immorru sa Ta' Kerċem għall-festa tal-Madonna Tas-Sikors mnejn kellna ordinazzjoni saċerdotali – nifirħu lis-Saċerdot Novell Dun Gabriel Gauci li ġie ordnat Saċerdot mill-idejn l-Isqof Mario Grech nhar is-Sibt wara nofs inhar, 25 ta' Mejju 2013 fil-Katidral tagħna.

Intant il-festi jibqgħu għaddejjin u fit-tielet Ħadd ta' Lulju l-Belt Victoria tinħakem mill-briju u l-ferħ li ġġib magħha l-festa tal-Megalomartri San Ġorġ fejn il-Qriema jaqsmu l-Fliegu u jingħaqdu mal-Ġorġjani Għawdxin u erħilhom jagħmlu għors sħiħ. Bħal San Ġorġ, Santa Margerita hija qaddisa tat-tielet seklu u

din titfakkar bi kbir fir-raħal Ta' Sannat, ġimgħa fuq San Ġorġ. Kien f'dil-festa, kienet tirrakkonta ommi, Alla jaħfrilha, li kienet iltaqgħet ma' missieri għall-ewwel darba. Tgħid kemm ilu issa! U wara Ta' Sannat, fl-ewwel Ħadd t'Awwissu mmorru l-Qala għall-festa ta' San Ġużepp, ir-raġel ġust ta' Marija, fejn insibu wkoll ftit 'il bogħod Santwarju ddedikat lill-Immakulata Kunċizzjoni. Is-sħana issa tkun biet tinħass ġmielha u ma tiskantax, għax il-festa ta' San Lawrenz tkun wara l-bieb u l-Lawrenzjani tagħna jippreparaw bi sħiħ għaliha; mhux l-ewwel darba jistednuni nippreżenta xi serata matul il-ġimgħa tal-festa fil-Festival Lawrenzjan. U tassew nieħu gost bl-istedina tal-ex Sindku Noel Formosa!

Waħda mill-ikbar festi tas-sajf hija bla dubju l-Assunta meqjuma fi-Katidral tagħna u l-Belt Victoria tfur bin-nies u bl-attività fosthom it-tlielaq tradizzjonali tal-bhejjem u l-Wirja Agrarja ta' Santa Marija. Festa tassew kbira f'nofs Awwissu tant li f'Malta jkunu qed isiru seba' Santa Marijiet oħra. Mhux hekk jixirqilha s-Sultana tal-Ġnus u Omm il-Feddej! L-Assunta terġa' titfakkar f'Għawdex fil-25 t'Awwissu fir-raħal fuqani taż-Żebbuġ fejn iż-żiffa tilqa' l-istatwa ħelwa tal-Madonna waqt li l-Banda tar-raħal 'Santa Marija' ddoqq l-innijiet Marjani u takkumpanja l-Purċissjoni. Taf li nkunu qegħdin bil-mod il-mod resqin lejn tmiem l-istaġun tal-festi f'Għawdex bil-festa tal-Madonna Ta' Loreto li ssir f'Għajnsielem fl-1 ta' Settembru! Hawnhekk tisma' ħierġa l-għajta 'Viva x-Xemx' waqt li l-banda tar-raħal taħt id-direzzjoni ta' Mro Sunny Galea ssellem lil Marija hija u ħierġa mill-knisja Gotika tagħha b'sett ta' qniepen ġodda li joħolqu l-isbaħ armonija.

U l-aħħar festa kbira teħodna x-Xagħra u l-Arċipriet Dun Karm Refalo ma joqgħodx lura milli jagħtina festa kbira, għażiża u devota ddedikata lit-Twelid tal-Bambina. Din hija festa li trid tfakkarna wkoll fir-rebħa tal-Maltin fuq il-qawwa tal-Mislem u fuq il-biża' tal-Alleati. F'tempju mirqum kollu rħam u sengħa nsibu l-istatwa simpatika tal-Bambina li toħroġ tbierek lix-Xagħrin u lilna magħhom fit-tmienja ta' Settembru u n-nies tiffolla u ma toqgħodx lura qabel ma titfaċċa xi taqliba tal-arja! L-aħħar festa ħelwa u modesta hija dik tal-Madonna tal-Grazzja għand il-Patrijiet Kapuċċini u l-ħbieb tiegħi Ġorġ Debono u Vincent Vella flimkien ma' sħabhom ma jħallu l-ebda ġebla f'postha biex juruna li din il-festa ċkejkna tagħlaq l-istaġun tal-festi f'Għawdex.

**GĦADDEJJA L-PURĊISSJONI**

Għaddejja l-purċissjoni:
quddiem, it-tfal ċkejknin
libsin ħomor u bojod,
bizzilel u satin.

Mill-ġnub tat-triq imżejna,
b'xofftejhom imbissmin,
ixerrdu minn idejhom
il-ward u l-ġiżimin.

Fin-nofs, tnejn oħra jxejru
iċ-ċnieser imqabbdin
li jarmu kobob bojod
ta' dħaħen imfewħin.

In-nies tifraħ bil-fwieħa
ħelwa ta' inċens u ward
li jxerrdu l-idejn ċkejkna
u jħallu hemm fuq l-art.

......................................

Hekk jiena wkoll nixtieqni
f'dil-ħajja, bla waqfien,
minn qalbi ċkejkna nxerred
il-ġmiel ma' kullimkien.

Fil-għana l-iżjed ħelu,
f'għemil u kliem ferrieħ
li jhenni lill-qlub kollha,
iżjed mill-ward sabiħ.

**DUN FRANS CAMILLERI**
**(minn *Ġabra ta' Poeżiji għat-Tfal,* ed. R. Vella Tomlin, Thos. Formosa & Sons, 1952)**

**ĦSIBIJIET**

Tbissima: Wara ħafna jiem ta' niket,
fuq fommok rajt tinbet tbissima,
u qalbi faret.

Sinfonija: Sinfonija,
diwi l-ewwel bikja,
ta' binti tarbija.

**CHARLES MIFSUD**

# insomnja

## Joe Sant (1929-2015)



***Din hi kitba miktuba miz-ziju tiegħi Joe Sant, meta kellu 78 sena. Miegħu kont ħriġt il-ktieb tar-rakkonti għat-tfal, Ħolm Qabel l-Irqad, fl-2009. Kien bniedem ġeneruż, erudit, eks-għalliem, mużikali, metikoluż u kiteb ukoll xi poeżiji bil-Malti li dehru f'għadd ta' rivisti reliġjużi u anki f'IL-PONT. Kien impenjat sewwa fil-parroċċa ta' Santa Luċija anki permezz tad-daqq tal-orgni fil-knisja tal-lokal. Huwa ħalla din id-dinja fl-24 ta' April, 2015. Agħtih Mulej il-mistrieħ ta' dejjem.***

Sewwasew kif inserraħ rasi fuq l-imħadda u ndur laġenbha biex forsi jiġini ftit tan-nagħas, moħħi jibda jdur f'kull direzzjoni bla kontroll u jagħqad bħal raddiena f'riefnu. Għajnejja, li sa ftit qabel ma kontx inkun nista' nżommhom miftuħa sakemm tispiċċa l-logħba futbol li kont qed nara fuq it-televixin, f'daqqa waħda jinfetħu beraħ u, qisu f'konfoffa ma' ħsibijieti, isiru xejn anqas minn "magna tat-tiftix" fuq l-Internet.

Nagħmel ħilti kollha biex nirreżisti din l-enerġija elettronika. Nipprova noqgħod kalm kemm jista' jkun u nserraħ il-muskoli ta' wiċċi u ta' għonqi metodikament. Nibda nipprova naħseb f'xi xena ta' paċi pastorali jew inkella nistħajjilni fuq xi gżira fil-Paċifiku f'xatt ta' bajja mimdud fuq ramel abjad inħares lejn medda ta' baħar kalm u trasparenti. Hekk kien jissuġġerilna nagħmlu l-psikjatra f'sessjonijiet ta' terapija tal-grupp.

Kollu ta' xejn! L-istruzzjonijiet fuq il-monitor ta' moħħi jsiru aktar persistenti u ċari. Nistħajjel min jgħidli: "Liema sit mill-għanqbuta ta' ħajtek trid timraħ fiha l-lejla? Ikklikkja billi tteptep għajnejk skont kemm trid tmur lura fiż-żmien!"

F'ħakka t'għajn insibni ta' xi seba' snin b'widnejja mkaħħla mal-ġenb tal-pjanu li fuqu kien ikun qed jistudja ħija l-kbir. L-eżerċizzji metodiċi ta' Czerny, l-istudji iebsa msejħa 'Gradus ad Parnassum' ta' Clementi, is-sonatas melodjużi ta' Beethoven u l-Valzi brillanti, in-Notturni romantiċi u l-Polonaises ta' Chopin jibdew iduru f'widnejja ċari daqs il-kristall. X'norqod norqod meta, wieħed wara l-ieħor, ikunu qed jinħattu, mill-fond tal-arkivju ta' moħħi, xogħlijiet mużikali li kienu ġew irrekordjati hemm madwar sebgħin sena ilu!

Jista' jkun li teptipt għajnejja għax f'salt wieħed sibt ruħi fuq l-orgni tal-Konkatidral ta' San Ġwann il-Belt fejn missieri, l-organista t'hemm għal snin twal, kien qiegħed ilesti l-biċċiet tal-mużika li kellu jdoqq għas-servizz reliġjuż. Narah iħares, xi ftit inkwetat, lejn kamra żgħira mudlama wara l-orgni biex jara jekk in-neffieħ kienx ikun wasal. Dak iż-żmien l-orgni kien jaħdem mekkanikament u jekk in-neffieħ ma jdawwarx ċerta rota bis-saħħa ta' dirgħajh biex jippompja l-arja ġol-minfaħ l-ebda nota ma kienet toħroġ minn ġol-kanen u s-sfafar. Allaħares kien jiġri dan għax mur ara l-ħars ikrah 'il fuq tal-monsinjuri! Nibda narani nittawwal b'ċertu biża' minn bejn il-balavostri tal-injam biex inkun pront, malli nara l-monsinjuri ħerġin tnejn tnejn indur lejn missieri u, minn taħt l-ilsien, ngħidlu, "Papà, ħerġin."

Aktar ma moħħi jibda jaqbeż minn ħaġa għall-oħra aktar l-irqad isir diffiċli. Mingħajr ma ridt għajnejja reġgħet teptpet xi ftit għax siparju ieħor infetaħ fuq palk b'karattri ħajjin mid-drammi ta' Shakespeare. Nisma', u nlissen miegħu, id-diskors famuż ta' Mark Anthony, nitpaxxa bil-manuvra għaqlija li Portia għamlet fuq Shylock, nidħaq bil-ħmerijiet tal-baħnan Malvoglio u nara l-mara ambizzjuża ta' Macbeth tħajjar u timbotta 'l żewġha biex iwettaq delitt faħxi għall-iskopijiet fiergħa ta' rasha.

# insomnja kont...

Mingħajr ebda raġuni, sistema jew ordni kronoloġiku, insibni rasi mgħaddsa fuq pitazz kollu tħażżiż ġjometriku. Inħossni qed nissieħeb ma' xi tjorema ta' Euclid jew ta' Pitagora. Għalxejn indawwar il-figura minn hawn u minn hemm għax inkun insejt għal kollox kif tasal għas-soluzzjoni u ninkedd mhux ftit li ma nkunx nista' nsolvi l-problema biex fl-aħħar nikteb il-famuża frażi "Quod erat demostrandum".

F'mumenti bħal dawn qisu l-moħħ waħdu jfittex toroq b'anqas ostakli mentali u għalhekk mhux darba u tnejn insibni nredden siltiet, li kont inkun studjajt bl-amment għall-eżamijiet, meħudin minn poeżiji ta' Milton, Byron, Wordsworth, Leopardi, Foscolo, Dun Karm jew Ružar Briffa. Niskanta bil-fatt li meta filgħodu nipprova nirrepeti xi versi minn dawn b'ebda mod ma nkun nista' niftakarhom.

Dawn il-kwadri, esperjenzi u memorji minsuġa fiż-żmien huma parti żgħira ħafna mill-kalejdoskopju li moħħi jpoġġili quddiem għajnejja lejl wara l-ieħor. It-tokki tal-arloġġ tal-knisja nixba' ngħoddhom kwarta wara l-oħra jidwu fil-ħemda tal-lejl u jistiednu f'ħin bikri 'l min jismagħhom biex jitlob għall-erwieħ tal-purgatorju. Nagħmel sforz kbir biex inħarrek ftit xufftejja u nlissen bit-tbatija:

"Agħtihom... O Mulej... il-mistrieħ...

il-mistrieħ... il-mistrieħ..."

**(Lulju 2007)**

**IX-XWEJĦA**

Rogħda f'idejha;
tgħid tistħajjilha tbandal
bħal dari, n-nieqa?

**L-GĦENEB**

Għenieqed bżieżel
għalik mikxufin, jassruk
mal-ewwel bewsa.

**LINA BROCKDORFF**

**TUTA TUTA AQBIŻILNA**

Tuta tuta, aqbiżilna!
Se jkollok titlaq minn haw'
għax it-triq irridu nwessgħu
ħa l-karozzi nipparkjaw.

Tuta tuta, aqbiżilna!
Naf li fuq mitt sena tgħodd.
zokk imqaxxar u mġenneb,
però għadek tagħti l-frott!

Tuta tuta, naf li l-MEPA,
suppost li taqbeż għalik
però magħna hawn Mammone,
ħadd mhu ser jiddefendik!

Tuta tuta jkollok titlaq
int illum prodott skadut.
Kemm hu eħfef illi l-poplu
ippreservat jixtrih it-tut.

Tuta tuta, ġejja l-gaffa
ara ġejja l-mewt għalik.
Meta inti tkun fil-miżbla
ma jdumx ma l-poplu jinsik!

Flokok nagħmlu tarmak iswed
lava blocks, roża jew griż
linji bojod dritti, dritti,
kollox sew kollox preċiż.

U biex nuru kemm inħobbu
lil din Malta, tagħna l-art
ser inħawlu l-lantana
din dejjem ittina l-ward!

Imbagħad wara nagħmlu l-bandli
biex it-tfal jilagħbu haw'
u flok nifsek, safi u tajjeb
riħet l-exhaust jibilgħu!

**JOE F. CACHIA**

Amanda Busuttil

**WAQT IS-SILENZJU TAL-EŻAMIJIET...**

Il-karta tqassmet. Ktibt ismi. Il-ħin beda jtektek. Ktibt il-klassi u n-numru li tawni. Ħriġt il-ponta tal-pinna biex tibda terħi l-linka pulita tagħha f'kaligrafija ta' stil tiġiġesk. L-ewwel mistoqija. Din minn fejn l-imniefaħ ġabuha? In-numru tnejn kienet aqwa. Qbiżtha. It-tlieta u l-erbgħa u l-bqija, kienu qishom iskrizzjoni Ċiniża. Uff kemm fadal ħin...

Subgħajja. Nara minn fejn ser nieħu tilqita difer ħa ngerrem. Minn liem wieħed? Kollha kienu lebsin mini-skirt imkittef subgħajja, ta' subgħa minnhom iswed bin-*nail polish*, ta' maġenbu fl-aħdar mibrux, ta' maġenbu trasparenti u s-subgħa li jonqos kienu qishom jien, wara li nasal id-dar minn Paceville sbieħ il-Ħadd. Imlejthom tilja bżieq u biċċa oħra ta' difer ma stajt inperper minn imkien. L-*invigilator* ngħidulha l-Kokka, tħuf fuqna mal-imwejjed u ttektek it-takkuna li qed tidwi mas-sala kollha.

Maġenb il-bieb ta' barra l-aħjar post. Komda. Qisni qed naħkem spazju li ma nixtieqx niċċaqlaq minnu malli jgħaddi l-ħin. Inħossni ġa drajtu u għadha ma għaddietx siegħa mġiddma. Imma komda hawnhekk. Qisni parti mill-għamara ta' din is-sala. Qisna naħal, qed inservu lir-reġina. Qisna pupi tal-ħabel... iddawwar għal sagħtejn u jibburdellalek sakemm jieqaf. Ta' maġenbi qisha Harry Potter, tridhiex ta' xi ġenja wkoll. Ta' quddiemi iċċarġjat il-batterija sewwa tidher ukoll.

U jien. Jien hawn, rasi mitluqa fuq mejda żlugata u ndannata. Fi gwerra ma' karta li mhix tqila, nissielet mal-ħila. Qed inħoss toqla kbira f'għajnejja. Kien ikun aħjar li ġibt it-*tape* u nwaħħal il-kpiepel ta' għajnejja sew sewwa ma' moħħi. Din il-mistoqija faċli. Iva nafha. Naf kif għandi nweġibha bla tidwir ta' kliem. U ta' warajha, naħseb li nasal għaliha wkoll.

Qisu smajt leħen, iva smajt vuċi tassew meraviljuża. Qisni bħal meta darba żort it-Teatro alla Scala f'Milan, maz-zija Miriam u dakinhar smajt lill-kantanta Anna Caterina Antonacci tkanta: 'Caro mio ben...'; imma stenna ftit, jien qed nisma' tajjeb...

Dik l-istess soprana! Mrs. Borg il-Kokka, ittawlet mill-bieb bħal meta aħna għandna nagħmlu meta naqsmu t-triq, l-ewwel inħarsu naħa u mbagħad in-naħa l-oħra. Imma hi ma rat xejn u daħlet rasha 'l ġewwa. Kif kienet daharha 'l ġewwa, għaddiet is-soprana tkantali, tbissmitli u għaddiet 'il fuq...

Għadda l-ħin u l-*invigilator* reġgħet irrepetiet l-istess proċedura ta' qabel taqsam it-triq... daħlet u għadda l-buffu, iż-żuffjettier għaqli li jien rajt fit-*Twelfth Night* ta' Shakespear. Simpatiku għall-aħħar, għadda minn fejn il-bieb, għamel sinjal ta' 'Nini-nini' lill-*invigilator*, xejjirli u ħarab. U dik ma tinduna b'xejn. Kollox isir ħelu ħelu minn wara daharha. Basta tippretendiha l-Kokka li ma jaħrabilha xejn! U għaddew dawk iż-żewġ bravi jagħmlu tant storbju u mank tintebaħ! Mela għalxiex qiegħda għassa?

It-tielet passiġġata ma taqtgħux min għadda. U x'taqtgħu hu! Iċċassati daqs il-Kokka intkom! Għadda Napuljun fuq iż-żiemel tiegħu bajdani, b'toppu sabiħ, qisu għadu kemm ħareġ minn taħt il-*blow-dry* ta' *Jesse's Hairdresser* u kien aħjar minn ta' sidu għax kien imħabbel daqs kemm hija mħabbla x-xitla xebblieka li għandha ommi fil-bitħa. Napuljun kien qisu bihom, geddumu 'l isfel u baqa' għaddej dritt u stirat. Naħseb ma ftakarx memorja sabiħa wisq dak il-ħin.

U la l-*invigilator* u anqas dawk l-iċċassati ta' maġenbi, ma jindunaw b'xejn. Ara l-istudju f'liema stat ġabhom. Kif il-Kokka reġgħet daħlet 'il ġewwa, għadda Socrates. Għaraftu ngħid b'dawk l-għajnejn ta' seqer iħares dritt lejja qisu b'korla. Qisni għandi nħallsu. Jien ma nafx x'kien ġralu u ma rridx inkun naf anqas, għax li naf hu, li beżżagħni... naħseb qalli: 'Aħjar tmexmex sew dak l-imbierek ktieb tal-*Apoloġija* u tmur tagħmel waħda int ukoll!'.

Inħsadt b'qanpiena u ħsibtu ġej il-*Father Christmas*, imma ma ġiex hu. Floku ġiet il-Kokka u bdiet taħtaf il-karti skont in-numri. U mbagħad ma niftakarx x'ġara iżjed.

Li naf hu li kont id-dar ftit taż-żmien wara. Taħbita fuq il-bieb u marret tiftaħ ommi. Wasal ir-riżultat. Eċitata, bir-rogħda, ivvjolentajt l-envilopp u ġibtu trietaq.

Result: F u kitba rqiqa b'firma taħtha tas-Sur Manicolo.

Remarks: Needs to sleep well before coming to sit for her exams. Monique slept in this exam and could not wake up when called. I think that she had a lovely dream but her results are not lovely at all... better to check if she is suffering from Sleep Apnea...

# il-poeżiji

**ILLEJLA JIĠI D-DLAM**

Illejla jiġi d-dlam
u miegħu tiġi s-sikta
ta' lejl miżgħud b'misteri
li jafuhom biss il-kwiekeb
u l-Friefet il-Lejl.

Illejla jiġi d-dlam
biex jostru dak li seħħ matul il-jum
għal dawk li baqgħu jiġġerrew weħidhom
bla għan fid-direzzjoni.

Illejla jiġi d-dlam
u b'seba' għajnejn oqgħod int
għad-dellijiet li jinfirxu madwarek
f'għaxija bla qamar fiddien
għax ma tafx liema dell hu ħabibek
u ieħor l-għadu tiegħek li lest jaħkmek
kif illejla jiġi d-dlam.

Iżda llejla nipprova nkennek miegħi,
neħilsek mill-eħirsa sewdenin
ta' ħsibijiet imtaqqla
minn ruħ solitarja tiġġerra
f'labirint ġewwa ħajja mifxula.

**SALV SAMMUT**

**SPRINGACID**

When Spring comes with its beauty
instead of joy and peace
it brings over depression
and I lose all the ease!

I searched the books and websites
to find reason for this
I found no consolation
no sign of earthly bliss!

What art thou melancholia
that comes to torture me
as winter comes to closure
and Spring spreads its wings free!

All inner peace dissolveth
each breath grows in its weight
the head becomes so clumsy
that it loses its gait!

The will is growing weaker
the strength is fading slow
my soul stretches the desert
as the spirit sinks low...

Where art thou motivation
that once pervaded all
where is the enthusiasm
that rose never to fall?

What is your name, what art thou
acedia, angst, withdrawal,
anxiety or depression
the wish to end it all!

Whatever your C.V. is
it definitely includes
a slight frenzy of madness
that breaks but never sooths!

**GEOFFREY G ATTARD**

**M'INTIX TARAH?**

Minitx tarah dal-wiċċ imdejjaq,
xufftejn marsusa ta' protesta?
L-allat jisfida ta' did-dinja
u dawk l-uħux li tatom pesta.
Mintix qed tara dinja ġdida
kif nafha jien kif ħloqtha għalija,
ipproklamajt apokalissi
minn dak li għadda mingħalija.
Jien dħalt ġo dan iċ-ċimiterju
sabiex mill-ġdid niskopri l-ħajja
tal-eqreb xewqa adulterina,
nisfida 'l kull min ġej warajja.

**ALFRED GRECH**

**ĦAJKU**

Kellu vaganza
San Pawl u kif ra l-Qawra
qal: 'Din mhux Malta!'.

**AMANDA BUSUTTIL**

# il-poeżiji

**LIL KAROUAC**
**Lil-kittieb Amerikan Jack Karouac li fuqu mbnew is-sisien tal- "beat generation"**

Imxejt miegħek Ġann,
fil-kuruturi tal-kulleġġ
u ħarist minn fuq is-sejjieħ
lejn dinja tistennieni
bi triqat bla tarf,
u orrizzonti 'nfiniti...
Il-filosofija tiegħek ikkunsidrajtha
u ma kkonformajtx,
imm'issa li għoddni wasalt fl-art
imwiegħda
qomt mill-ħolma...
u rrealizzajt
li qatt ma ħejjejtni
għal salib it-toroq...

**MANUEL CASHA**

**B'TAMA ĠDIDA**

Inħasdet meta binha qalilha
li ried ibiddel is-sura ta' ħajtu
biex ixandar il-bxara t-tajba
u jibda jaħdem, biss, għall-Mulej.
U baqa' b'dal-ħsieb, sakemm
f'Kattidral mimli kant, dwal u nies
għax kien lest li jintrifes,
mal-art intefa' biex fl-Ispirtu jintrefa'.

U l-Isqof bil-baknu f'idu, dilku Qassis għal dejjem.

Waqt kant li fakkarha fil-ġenna
waqt li ħarset lejn nies ferħanin
waqt li talbet mill-fond ta' qalbha,
'l omm ħosbiena, sfat skjava tal-ħsieb.

Bdiet tarah miexi waħdu fil-folla
b'għajnejh baxxi, bid-dmugħ miksurin.
U rat diqa u mistħija f'wiċċ binha
indunat li kien mgħakkes fis-skiet.

Tgħid hekk ser jiġrilu, dan binha, mal-medda taż-żmien?

U mad-daqq storbjuż tal-qniepen
f'nofs il-ferħ li stajt tmissu b'idejk
l-omm reġgħet ħarset lejn binha;
wiċċu sbejjaħ bit-tieba kellimha.

Hi stejqret u ħadet nifs qawwi,
ħarset binha b'tama ġdida imlietha.
Ħassitha tingħaqad mal-folla
u ntliet b'tama ġdida, ferrieħa.

Intefgħet bilqiegħda fuq siġġu u ntelqet f'idejn il-Mulej.

**CARMEN REFALO**

**DIN TRIQTI**
**I.**
Jien minnha rrid ngħaddi
għax l-isbaħ għalija:
it-triq ta' Lorenzu -
it-triq tal-qdusija!
Ġo qabli l-imħabba!fuq sidri s-Salib;
inwiegħdek, Mulejja,
din l-għelma li nġib!
U f'isem is-Sewwa
niġġieled 'il-għedewwa!
Li jkasbru fejn huma
il-Fidi ta' Ruma?

**II.**
Jiddieħku bi triqti
li ħsiebhom fil-frugħa!
Jintebħu ma' mewthom
li, boloh, tilfuha!
Dit-triq tat-tbatija,
li tagħżel il-qalb,
twassalni fis-sema
kif tiegħi hu t-talb!
U f'isem is-Sewwa
niġġieled 'il-għedewwa!
Li jkasbru fejn huma
il-Fidi ta' Ruma?

**III.**
Nissokta fil-mixja
tat-triq li dħalt fiha,
minn issa li għadni
f'ta' ħajti r-rebbiegħa!
Ma' Kristu, mal-Papa
li nimxi id f'id
jien naħlef. Li naħdem
tal-Knisja għall-ġid!
U f'isem is-Sewwa
niġġieled 'il-għedewwa!
Li jkasbru fejn huma
il-Fidi ta' Ruma?

**ALBERT M. CASSOLA**
**(minn *Ġabra ta' Poeżiji għat-Tfal,* ed. R. Vella Tomlin, Thos. Formosa & Sons, 1952)**

**NELL'AZZURRO LAGO DEI TUOI OCCHI**

Nell'azzurro lago dei tuoi occhi
mi sono chinato
e vedo montagne,
boschi,
delle nuvole
e il sole vedo.

Accarezzo
il tuo corpo bianco e delicato
e vedo come si muovono
e vedo come si muovono
e vedo come si fondono, le nuvole!

**CLIRIM MUCA**
**(Minn: *Poesie scelte*, Alba Libri, 2010)**
***L-Italja***

**TEARS OF A CHILD**

A light glow,
night.
A dark gloom,
day.

A child weeps
on a solaceless road,
unheard.

Both the glow
and the gloom
merge.

His tears
represent
merged glow
and merged gloom,
deepening.

**K.K. SRIVASTAVA**
**(Minn: *An Armless Hand Writes*, Atlantic Publishers and Distributors Ltd., 2008)**
***L-Indja***

**FLIRTING WITH GOD**

Questions posed in sunlight
answers delivered in rain,
battle commences between them
solutions to explain.
Dualism, Monism,
mind over matter,
light not dark
good, evil, black, white,
if I do not think, I do not exist,
therefore I know nothing.
My mind is separate.
Body, self, thought,
each perceived,
in their own representation.
This takes me outside my mind,
where material does not exist.
But flowers grow, birds sing,
we reason but know nothing.
Je pense donc je suis.
If existence has no purpose
we end in total extinction.
"Cogito ergo sum"
answers asked in darkness
questions given in hope.

**STEPHEN MORRIS**
**(Minn: *Limbus of the Moon*, Pale Horse, 2005)**
***Ir-Renju Unit***

**WATCHING THOUGHTS**

The day falls into night,
my silence is troubled
and the hard steps weigh on me
from watching thoughts.
Tick-tock of a clock,
the beats of time,
fluttering of wings,
from watching thoughts.
Blazes of remorses,
mistakes without apologies,
and shivers and shivers,
from watching thoughts.
I hear some voices
and I'm asking, why
mad bells toll
from the watching thoughts?

**NADIA-CELLA POP**
**(maqluba għall-Ingliż mir-Rumen minn Dragos Barbu)**
***Ir-Rumanija***

# minn fuq l-ixkaffa




***WARTIME GOZO 1940-1943. AN ACCOUNT OF THE BLEAK YEARS* ta' Charles Bezzina, Malta 2015.**

Dan mhux l-ewwel ktieb li Charles Bezzina ppubblika f'rabta ma' Għawdex matul it-Tieni Gwerra Dinjija. B'xogħol bħal dan huwa kompla fuq il-passi ta' missieru Frank Bezzina. Din id-darba l-awtur jikteb bl-Ingliż dwar dak kollu li Għawdex kellu jgħaddi minnu matul dan il-perjodu tant ikrah: għall-ewwel, gżira bla difiża, bla xelters, b'kuntatt dejjem jiddgħajjef mal-gżira oħtha l-kbira minħabba l-attakki mill-ajru, gżira li minkejja dan offriet kenn għal eluf ta' Maltin li ħarbu miż-żoni l-iktar milquta mill-bombi. Bezzina jikteb ukoll dwar ir-refuġjati Maltin, l-ordnijiet reliġjużi, l-isptarijiet, ir-rwol tal-Knisja, is-sistema tal-edukazzjoni, il-*curfew,* il-*blackout*, u l-*black market*, il-*Victory Kitchens*, l-Uffiċċju tal-Informazzjoni u Ġorġ Pisani, il-ġbir tal-qamħ u r-regoli f'rabta mal-imtieħen, il-lieva, is-suldati Britanniċi, il-Pulizija li kienet tgħasses il-kosta, l-iskwadra tad-demolizzjoni, u bosta ħwejjeġ interessanti oħrajn. Fil-paġni ċentrali wieħed isib għadd ta' ritratti awtentiċi marbutin mal-epoka, u fi tmiem il-ktieb biblijografija dettaljata.




***AWTOSKATTI - VERSI U LINJI* ta' Tarcisio Zarb u Andrew Sciberras, 2015.**

Kemm Tarcisio Zarb (t. 1952) kif ukoll Andrew Sciberras (t. 1968) jużaw Facebook regolarment biex jimpustaw kemm poeżiji, kif ukoll riflessjonijiet u artikli ta' natura differenti li jqanqlu reazzjonijiet varji. Minn hawn twieled dan il-ktieb-proġett fejn iż-żewġ kittieba u ħassieba ġabru flimkien numru ta' poeżiji u anki linji-riflessjoni. Il-ktieb għandu Daħla miktuba mill-Prof. Oliver Friggieri. Kif jikteb Friggieri, dan il-ktieb juri kemm hemm xebh u differenzi naturali bejn Zarb u Sciberras: "sbuħija u kuntrast bejn il-ġeneri ppreferiti tagħhom, daqskemm bejn l-attitudni tipika tagħhom, dik li tmexxihom dejjem 'il quddiem, anki meta ma hix imtellgħa direttament fil-wiċċ, kemm meta hija involuta ħafna emottivament, u kemm meta hija maqtugħa tant li tinħass ċinika, bierda." Dawk ta' Sciberras huma versi b'ritmu li għandu mit-tismir tal-martell; dawk ta' Zarb għandhom mir-ritmu ta' min fehem x'toffri l-ħajja, bis-sabiħ u l-ikrah tagħha, u b'hekk sab bilanċ naturali li jesprimih b'lingwaġġ ġdid u b'ton awtoironiku, ċajtier u li jitmellaħ bih innifsu u bis-sistema li minnha jagħmel parti.




***MALTA - POEMA VIŻIVA* ta' Victor Fenech, Horizons, 2014.**

Is-sottotitlu ta' dan il-ktieb hu "Poema viżiva u kapriċċi f'midja mħallta bil-kelma 'Malta'". Dan hu għalhekk "proġett" li jħallat flimkien il-kelma mal-viżiv, inklużi ritratti varji u skemi varjati u mill-iktar esperimentali fejn il-kelma titpoġġa fil-paġna f'modi antikonvenzjonali. Mela naraw il-kelma rrepetuta għal bosta drabi, imqiegħda f'għamla ta' salib, labirint, djamant, torri, piramida, qawsalla u l-bqija; il-kelma hi mpoġġija fuq sfondi varji bħall-abjad u l-iswed, ritratti differenti, is-salib tal-Kavallieri u l-bqija. Interessanti huwa l-fatt li mill-bidu sal-aħħar ta' dan il-ktejjeb ta' ftit iktar minn 70 paġna Victor Fenech jikteb b'dan il-mod anti-tradizzjonali dwar l-istorja ta' Malta matul is-sekli. Mela dik li jippreżentalna hija mixja jew vjaġġ ta' dan pajjiżna u anki tal-poplu Malti matul is-sekli twal ta' storja, mill-bidu sa Malta post-Indipendenza u post-dħul fl-Unjoni Ewropea. Il-ktieb għandu Daħla mill-poeta stess bl-isem ta' "Il-Poeżija Alternattiva". Hawn Fenech jitlaq mis-snin 60 tas-seklu 20 marbutin ma' taqlib kbir kemm soċjo-politikament kif ukoll letterarjament. Isemmi proġetti bħalma huma l-*Word Art*, id-*Digital Poetics* u l-*Concrete Poetry* li minnhom xorob biex nissel dan il-proġett tiegħu li kompla jaġġornah biex wasslu sal-jum preżenti. Min għandu għal qalbu l-poeżija Maltija ta' min jakkwista kopja ta' dan il-ktieb għax mil-lat ta' produzzjoni, viżiv u kontenut huwa oriġinali tassew.




**_VAGITI – LIRICHE GIOVANILI_ ta' Albert M. Cassola, Castaldi Editore, Milano-Roma, 1950.**

Din il-ġabra ta' poeżiji għandha Daħla mill-pinna ta' Giovanni Curmi, li dak iż-żmien kien jgħallem il-Letteratura Taljana fl-Università Antika ta' Malta. Insibu miġburin f'dan il-ktejjeb 33 poeżija li Cassola (li din is-sena jagħlaq mitt sena minn twelidu) kiteb direttament bit-Taljan, għalkemm huwa kien ukoll jikteb drammi, rumanzi u anki traduzzjonijiet. Curmi jsejjaħ lil Cassola "un cultore dell'Idioma Maltese", imma jżid li anki fit-Taljan tana kemm poeżiji kif ukoll paġni ta' proża li ħaqqhom tifħir, anki minħabba s-sempliċità fil-lessiku u l-freskezza tar-ritmu. Huma poeżiji li fil-parti l-kbira tagħhom Cassola kiteb meta kellu bejn l-14 u l-20 sena. Hemm xi poeżiji ddatati: l-iktar data bikrija hija l-1929 (il-poeżija *Il calciatore*), u l-iktar waħda reċenti hija l-1948 (il-poeżija *Marmotte*, li kiteb fl-Isvizzera). It-tema ewlenija hija l-imħabba li tintrabat sewwa ma' żmien iż-żgħożija, imma jittratta wkoll temi bħalma huma l-mewt, it-twemmin, in-natura, il-ħbiberija u l-poetika. Bħala struttura in ġenerali Cassola juża dik tradizzjonali tal-kwartini u t-terzini, tas-sunett, l-isturnell, u r-rima regolari.




**_20 REBBIEGĦA – ANTOLOĠIJA_, Għaqda Letterarja Maltija, Lux Press, 1971.**

Din ir-raba' antoloġija ħarġet biex tfakkar l-20 sena mit-twaqqif tal-Għaqda Letterarja Maltija. Għandha Daħla mill-avukat u poeta George Zammit bl-isem ta' "Il-Kittieb fid-Dinja tal-Lum". Tiġbor fiha kemm kitbiet ta' proża kif ukoll poeżiji miktubin minn għadd ta' membri (52 b'kollox) ta' din l-Għaqda li b'xorti ħażina llum m'għadhiex magħna. Kif naqraw fl-"Għeluq" (miktuba mill-bord editorjali magħmul minn Kelinu Cachia, Alfred Massa, Paul C. Mifsud u Joseph Sciberras) hawn wieħed isib xogħlijiet ta' xeħta moderna u oħrajn tradizzjonali, imma anki kitbiet serji u oħrajn umoristiċi. Minkejja li mhux il-kitbiet kollha huma tal-istess livell letterarju, dan żgur jgħin biex il-qarrej – billi jqabbel kitba ma' oħra - jagħraf bejn dak li hu kittieb tas-sengħa u dak li għad għandu x'jitgħallem. Jingħad ukoll li l-għan ta' din l-antoloġija hu li l-qarrej jgħaddi siegħa żmien jaqra u jserraħ rasu, jitbissem, imma anki jkompli jżid fl-imħabba tiegħu lejn l-Ilsien Malti. Dan b'xi mod jintrabat mal-motto tal-Għ.L.M. li kien "Nogħlew 'il fuq bil-pinna tagħna". Interessanti l-fatt li d-disinn tal-qoxra sar minn Trevor Żahra stess.




**_ĠABRA TA' POEŻIJI GĦAT-TFAL_, minn R. Vella Tomlin, Thos. Formosa & Son, 1952.**

Fin-nota tal-bidu R. Vella Tomlin, iben l-edukatur, storiku u kompilatur tal-*Ġabra tal-Ward*, E.B. Vella, jikteb hekk: "Tfal għeżież, sawwartilkom ktieb żgħir. Għinuni bix-xogħol ħafna poeti Maltin. Issa għandna ġabra mhux ħażin ta' versi li bihom mhux biss nitgħallmu ħwejjeġ ġodda iżda wkoll nikbru nħobbu l-poeżija Maltija. Għandna tassew biex niftaħru meta naraw li Gżira żgħira bħal tagħna taf tagħti xogħol ta' kitba miżgħuda b'kobor, ġieħ u sbuħija liema bħalhom." F'dal-ktieb hemm il-poeżiji ta' 53 kittieb differenti, imqassmin taħt sitt sezzjonijiet: Fuq Kollox; Il-Ħolqien; Art Twelidna; Tagħlim Bnin; Twemmin; u Innijiet. Id-"Daħla" hija tal-Prof. Ġużè Aquilina, bl-isem ta' "Il-Poeżija fl-Iskejjel", li jqis lill-poeżija bħala "nixxiegħa nadifa tal-aħjar sentimenti tal-poplu; u min jixrob minn din in-nixxiegħa jitnaddaf minn qalbu u minn moħħu. Basta jixrob kif għandu jixrob – mingħajr l-għaġla ta' min irid jilħaq jagħmel ħaġa ma' oħra." It-tfal joqorbu lejn il-poeżija permezz ta' antoloġiji bħal din fejn jispikkaw is-sempliċità, is-sbuħija u l-mużikalità kemm tat-temi, kif ukoll tal-ilsien Malti mħaddem.